

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Settembru 2013 — Wurster vs EIGE

(Kawżi magħquda F-20/12 u F-43/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-EIGE — Membru tal-persunal temporanju — Proċedura ta' evalwazzjoni tal-kapaċitajiet maniġerjali tal-membri tal-persunal tal-EIGE li għadhom kif ġew assenjati f'pożizzjoni maniġerjali intermedjarja — Assenzjazzjoni mill-ġdid f'pożizzjoni mhux maniġerjali — Dritt għal smigħ — Kamp ta' applikazzjoni tal-liġi — Konstatazzjoni ex officio — Sostituzzjoni tal-motivi li saret ex officio mill-qorti)

(2014/C 71/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Barbara Wurster (Vilnjus, il-Litwanja) (rappreżentanti: inizjalment T. Bontinck u S. Woog, avukati, sussegwentement T. Bontinck u S. Greco, avukati)

Konvenut: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li jassenja mill-ġdid lir-rikorrenti mill-pożizzjoni ta' kap tal-operazzjonijiet għal pożizzjoni ta' kap ta' tim li ma teħtieġ kompetenzi maniġerjali. Min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tad-direttriċi tal-EIGE li tiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex tikseb l-allowance maniġerjali għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2011.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tad-Direttriċi tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, tat-8 ta' Settembru 2011, li tassinja lil Barbara Wurster mill-ġdid fil-pożizzjoni ta' kap ta' tim taċ-Ċentru tar-Riżorsi u ta' Dokumentazzjoni, hija annullata.*
- (2) *Il-kumpliment tar-rikorsi huwa miċħud.*
- (3) *L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn Barbara Wurster.*

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.5.2012, p. 35; ĠU C 200, 7.7.2012, p. 21.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Settembru 2013 — Glantenay et vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda F-23/12 u F-30/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/204/10 — Għażla abbażi ta' kwalifiki — Eliminazzjoni ta' kandidati mingħajr eżami konkret tal-lawrji tagħhom u tal-esperjenza professjonali tagħhom)

(2014/C 71/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Jérôme Glantenay et (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Rikorrent: Marco Cecchetto (Rovigo, l-Italja) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Talna għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/204/10 li r-rikorrenti ma jigūx ammessi għall-istadju segwenti tal-kompetizzjoni.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/204/10 li jigū esklużi l-kandidaturi ta' Bonagurio, Cecchetto, Gecse, Glantenay, Gorgol, Kalamees u Skrobich kif ukoll ta' Venckunaite u Zaleska mill-proċedura ta' kompetizzjoni, mingħajr ma dawn ikunu eżaminati fil-kuntest tat-tieni fażi tal-għażla abbażi tal-kwalifiki stipulati fl-avviż ta' kompetizzjoni, huma annullati.*
- (2) *Il-kumpliment tar-rikorsi fil-Kawżi F-23/12 u F-30/12 huwa miċħud.*
- (3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatlha minn għaxra tal-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbatlha l-ispejjeż sostnuti minn Bonagurio, Cecchetto, Gecse, Glantenay, Gorgol, Kalamees u Skrobich kif ukoll minn Venckunaite u Zaleska.*
- (4) *Cruceru għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbatlha wieħed min għaxra tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.5.2012, p. 35, ĠU C 138, 12.5.2012, p. 36.